## Dielja għażiża

Dun Gerard Buhagiar & Joe Formosa © Santwarju ta' Pinu

```
            G
Ħobż it-tbatija tatna Eva
      Am             D
Eva ġdida. Ommna Marija
    Am                D
Lil Ġesù Ħobż ħaj tagħtina
           G            D
Bih il-Knisja llum tmantnina.

Rit:           Bm         Em
     Għinna nilqgħu O Marija
              Am         D
     Dan il-Ħobż hekk qaddis
            G              Em
     Sabiex miegħek aħna nfaħħru
             A7             D
     Lill-Qaddis tal-qaddisin.

O Marija, għalqa għammiela
F' ġufek nibet qamħ Divin
Ġisem Kristu mogħti lilna
Illi jżommna mal-ħajjin.     Rit:

Inti Dielja hekk għażiża
Minnek ħadna għeneb bnin.
F' demm ta' Kristu llum jinbidel
Biex jagħmilna lkoll henjin.  Rit:

Ma' Marija hawn miġbura
Ħajr inroddu lill-Mulej
B' ġismu u b' kelmtu lilna jżommna
Jibqa' magħna għal li ġej.         Rit:
```

